Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-12 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino u Spettur Karl Roberts)**

**Versus**

**Joseph Buttigieg**
**(191874M)**

**Kumpilazzjoni: 594/2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Buttigieg ta' 46 sena, bin Michael u Emmanuela nee' Pesci, mwieled nhar 1 ta April 1974 u residenti gewwa 29, St. Mary, Triq St. Monika Pieta u detentur tal-Karta tal-Identita 191874M. Akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta' Novembru 2020 ghall-habta ta' 22:10hrs, ġewwa l-istabbiliment Hebe li jifforma parti mill-Ajruport Nazzjonali ta Malta, ikkommetta serq, aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, għad dannu ta' Steve Fenech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' ohra; u

dan bi ksur tal-Art. 261 (b)(ċ)(f),263(b),264(1), 267, 270, 279(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

2. F'xi hin bejn is-19:00hrs tal-4 ta' Novembru 2020, s-07:00hrs tal-5 ta' Novembru 2020, gewwa Top Car Services, Triq Bir Miftuh, Gudja, ikkommetta serq, aggravat bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Sergio Camilleri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' ohra; u dan bi ksur tal-Art. 261 (b)(f), 263(b),264(1), 270, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu w li kieku sehh kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad dannu ta' Sergio Camilleri u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra; u dan bi ksur tal-art. 41(1)(a), 261 (b)(f), 263(b),264(1), 270, tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta Malta.

4. Nhar it-30 ta' Ottubru 2020 ghall-habta ta' 17:00hrs, ġewwa l-istabbiliment Dr. Juice li jifforma parti mill- Ajruport Nazzjonali ta Malta, ikkommetta serq, aggravat bil-mezz, bil-valur li huwa iktar min €232.93 u bil-hin, għad dannu ta' Kathleen Freeman u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' ohra, u dan bi ksur tal-Art. 261(b)(ċ)(f), 263(b), 264(1), 267, 270, 279(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-28 ta' Gunju 2019 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

6. Finalment, akkuzat ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2020 l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tiegħu kif minnhu ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 28A, 28B, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(b), 264(1), 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat Joseph Buttigieg **hati** ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal **erbgha snin prigunerija effettiva**.

Illi in oltre il-Qorti, filwaqt li tirreferi ghas-sentenza datata 28 ta' Gunju 2019 moghtija fil-konfront ta' l-imputat Joseph Buttigieg, mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr. Doreen Clarke), b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tirrendi operattiva din is-sentenza sospiza, u qed iddahhal fis-sehh il-perjodu ta' **hdax-il xahar prigunerija** imposti permezz ta' l-istess sentenza.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Magistrat
**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**